Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 349/2014/1

**Christopher Mifsud (appellant)**

**Vs**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira u l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (appellati)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. B'sentenza tal-14 ta' Dicembru, 2017 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet talba tal-attur sabiex tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu s-somma ta' €7,457 danni sofferti mill-attur ghal xoghol rimedjali li kellu jaghmel fuq il-bankina u Triq Antonio Sammut, Gzira, liema triq u bankina cedew minhabba l-istat hazin li kienu jinsabu fiha tort tal-konvenuti jew min minnhom. L-ewwel qorti rragunat li:

> *"Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi t-triq, li r-rikorrent jillamenta li ma nbnietx bl-ilqugh necessarji, inbniet hafna snin ilu meta il-ligi kienet tobbliga lill min jibni l-propjeta' sabiex jifforma t-triq skond il-Ligijiet tal-Pulizija dak iz-zmien vigenti w certament la l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u wisq anqas il-Kunsill Lokali Gzira ma jistghu jinzammu responsabbli ghal-mod kif kienet mibnija t- triq hafna snin ilu.*
>
> *Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien obbligu tar-rikorrent illi jassikura ruhu illi, meta jaghmel xogholijiet ta' skavar, jaghmilhom skond il-Ligi b'mod illi ma jaghmilx hsara lill terzi, inkluz it-triq pubblika, u ghalhekk kien obbligu fuq ir-rikorrent, li ghalih ma ghandhux dritt ta' risarciment, illi jaghmel dak kollu mehtieg fil-propjeta tieghu, inkluz, bhalma gara fil-kaz odjern, li jtella 'retaining wall' ta' ghoxrin filata u jimla l-vojt bejn il-hajt u t-triq bil-konkos, sabiex jassikura illi ma ssirx hsara lill-terzi u, fil-kaz odjern, lit-triq li kienet biswit il-propjeta tieghu".*

2. B'rikors prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2017 l-attur appella mis-sentenza.

3. Il-konvenuti wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Il-kaz sehh fi Triq Antonio Sammut, Gzira fejn l-attur kellu plot li fuqha bena *semi-detached dwelling*. Fit-30 ta' Mejju, 2013 George Mifsud, missier l-attur, ghamel rapport mal-pulizija li (fol. 37):

> *"... f'sit tal-kostruzzjoni tat-tifel tieghu kienu qeghdin ihaffru u waqt li kienu qed jaghmlu dan cediet il-bankina u dan gara ghal fatt illi taht it-triq, cioe' il-pedament m'huwiex sod ghal fatt li taht it-triq hemm radam ta' hadid u serratizzi tal-injam fost imbarazz iehor.*

*Is-sinjur stqarr li hu ghamel ukoll rapport mal-Kunsill Lokali tal-Gzira. Zied ighid ukoll illi huma biex ma jkunx hemm periklu ulterjuri ghal terzi persuni bnew hajt temporanju tal-konkos. Hu zied ighid illi ghamel permess urgenti mal-Kunsill Lokali....".*

5. L-ewwel qorti qalet li mill-provi kien irrizulta li meta sar it-thammil fil-plot tal-attur u tnehha t-terrapien biswit it-triq,

> *".... irrizulta mal-ewwel illi l-bazi tat-triq kienet ukoll maghmula minn terrapien, bir-rizultat illi r-rikorrent kellu jieqaf mix-xoghlijiet ta' skavar sakemm tinstab soluzzjoni biex ma ssirx hsara lit-triq – vide ritratt a fol. 22.*
>
> *Jirrizulta illi, eventwalment, sabiex ikun jista' jkompli bix-xoghlijiet ta' bini tieghu, ir-rikorrent kellu jtella' hajt ta' appogg, ossija 'retaining wall', ta' madwar ghoxrin filata, li ttella bejn il-proprjeta tar-rikorrenti w il-bankina, sabiex il-parti tat-triq illi tmiss mal-proprjeta tar-rikorrenti tigi msahha u jigi assikurat illi ma ccedix filwaqt illi l-proprjeta tar-rikorrenti tigi wkoll protetta minn tali triq – vide ritratti a fol. 23 sa 28 tal-process.*
>
> *Jirrizulta illi r-rikorrent, dakinhar illi intebah bil-problema, jigifieri fit-30 ta' Mejju, 2013, ghamel rapport ghandh il-Pulizija (fol. 15), u sussegwentement irraporta l-kaz mal-Kunsill Lokali tal-Gzira, liema Kunsill irrefera l-ilment tar-rikorrent lill-Awtorita' ghat-Trasport Malta, peress illi shaqu illi l-kostruzzjoni u l-pedamenti tat-toroq ma kienx responsabbilta' taghhom".*

6. Skont stima li saret mill-perit Mario Formosa, inkarigat mill-attur, l-ispiza sabiex issir it-tiswija kienet ta' €7,457 in kwantu ghal:

*'1. Excavate and cart away material. The cost that is being quoted is only for additional material that subsided from beneath the road foundation €700*

*2. Construct masonry block retaining wall. Cost includes supply, delivery of material and construction €3,200*

*3. Supply, deliver and pour concrete backfill between retaining wall and road backfill material €1,770*

*4. Design retaining wall (including site visits etc) €150*

*5.Reconstruct pedestrian walkway (estimated) €500*

| | |
|---|---|
| *Sub-total* | *€6320* |
| *18% VAT* | *€1137* |
| ***GRAND TOTAL*** | ***€7457'*.** |

7. Jekk wiehed jirreferi ghar-ritratti numru 2 (fol. 21), ritratt numru 3 (fol. 22), ritratt numru 5 (fol. 23) u ritratt numru 6 (fol. 24) mill-ewwel jinnota kif it-triq inbniet fuq bazi dghajfa. Hu ovvju li meta l-attur beda jhammel il-plot tieghu, parti mill-*loose material* li kien hemm taht it-triq spicca fil-proprjeta tieghu.

8. L-attur hammel ovvjament sabiex ikun jista' jsib il-blat. Qabel beda l-izvilupp, il-perit Mario Formosa hareg dikjarazzjoni lil MEPA (datata 7 ta' Frar, 2013) (fol. 30) fejn qal:

*"Following an inspection I can confirm the following:*

- *The street in front of the site is already paved and there are no potholes or any other defects in the tarmac finish. The surface is generally smooth and free from any significant depressions, bumps or other deformities.*
- *The raised pedestrian walkway is composed of cast in situ concrete (broom finish divided into bays) with an edge defined by means of a precast concrete kerb. The walkway is in a good condition however the top surface is not entirely flat but slightly undulating (see straight yellow line and exxagerated curvature indicated by the dashed white curve in photograph 3)".*

9. M'hemmx prova li t-triq inbniet minn xi hadd mill-konvenuti, u anzi l-qorti fehmet li t-triq infethet mill-privat meta bdew jinbnew id-djar f'dik l-akwata. Nicholas Baldacchino, ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport Malta, xehed li Triq Antonio Sammut, Gzira hi *'triq residenzjali'* (fol. 230). Lanqas m'hemm prova li t-triq kienet infethet fuq art tal-Gvern.

10. Il-perit Formosa xehed li l-hajt li jidher fir-ritratt numru 4 a fol. 23 kien dizinjat minnu u ghamlu sabiex ikun hemm hajt, *".... capable of resisting the lateral forces created by the unstable road foundations including pressures resulting from vehicular traffic"*. Hajt li kien hemm bzonn li jsir minhabba l-pedament dghajjef li ghandha t-triq. Il-perit Formosa xehed li dan il-hajt kien inbena (fol. 58),

    *"... taht il-bankina, ghax il-bankina kienet maghmula bi ftit zrar u in fatti anke l-bankina cediet meta cediet it-triq".*

11. Ghal dak li jirrigwarda l-items 1, 3, u 5 tal-istima tal-perit Formosa il-qorti tosserva li:-

    i. **<u>Item 1</u>** – l-ispiza tirreferi ghall-materjal li mit-triq nizel fil-plot tal-attur, u li ovvjament kellu jnehhi sabiex ikun jista' jibni. Spiza li saret minhabba nuqqas li hemm fit-triq u li ghaliha hi responsabbli l-Awtorita;

    ii. **<u>Item 3 u 5</u>** - jirreferu ghal xoghlijiet li saru fit-triq. Dan ma kienx kaz fejn il-kuntrattur inkarigat mill-attur ikkaguna hsara fit-triq minhabba negligenza. Dawk l-ispejjez jirreferu ghat-tiswija li l-attur ghamel fit-triq, minhabba l-pedament dghajjef tat-triq. L-Awtorita ma tistax tippretendi li l-attur jaghmel tajjeb ghal dawk l-ispejjez, meta dak li gara kien minhabba pedament dghajjef tat-triq.

12. Skont regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.09 (*Regolamenti dwar l-Immaniggar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni*):

    *"It-toroq kollha u l-proprjeta pubblika ohra, f'distanza ta' 10 metri mis-sit, li jigu danneggati permezz ta' operazzjonijiet li jirrigwardaw xoghlijiet ta' kostruzzjoni,* ***ghandhom jissewwew jew jinbidlu mis-sid u jingiebu f'kondizzjoni li hija mill-inqas tajba daqs dik li kienu jinsabu fiha qabel il-kostruzzjoni u ghandhom jigu restawrati ghall-kondizzjoni originali taghhom b'materjali***

***simili u skond kull regolament iehor.*** *Tali limitu ma jipprekludix kull obbligu iehor min-naha tas-sid li jaghmel tajjeb ghal kull hsara ohra li testendi lil hinn mid-distanza ta' 10 metri u li huma ppruvati li huma konsegwenza diretta ta' dik l-attivita ta' kostruzzjoni. Kull ostakolu ghandu jitnehha meta l-htiega ghal tali ostakolu, li tinkludi kull senjalazzjoni temporanja mqieghda waqt ix-xoghol ta' kostruzzjoni, ma tibqax aktar mehtiega".*

13. Il-qorti ma taqbilx mal-Awtorita appellata li dik id-disposizzjoni tohloq forma ta' *strict liability*. Jekk it-triq m'hijiex tal-privat, l-amministrazzjoni, tiswija u restawr taghha huma a karigu tal-Awtorita (artikolu 7(b) tal-Kap. 499 qabel l-emenda li saret din is-sena). Disposizzjoni li ma tapplikax fil-kaz ta' manutenzjoni ta' triq li skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) taqa' fir-responsabbilta tal-Kunsill (ma tinkludix toroq arterjali jew distributorji – ara Raba' Skeda tal-Kap. 363). F'dan il-kaz m'hemmx prova li t-triq hi triq privata, tant hu hekk li miftuha ghall-pubbliku.

14. F'kull kaz dak li gara ma kienx minhabba nuqqas ta' manutenzjoni tat-triq, imma minhabba li l-pedamenti tat-triq ma sarux skont is-sengha u l-arti. F'dan il-kaz mhux manutenzjoni kien hemm bzonn li ssir, imma l-bini mill-gdid ta' parti mill-bankina li cediet.

15. Toroq li jkunu privati kienu jigi akkwistati mill-Gvern skont il-procedura li kien hemm f'regolament 19(5) tar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq (L.S. 499.57). F'dan il-kaz ma saritx il-prova li saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta ta' ordni tal-President f'dan is-sens li tissemma f'paragrafu (b) ta' dik ir-regolament. Ghalhekk il-fatt li t-triq qieghed ighaddi minnha l-pubblika, ghandha isem u fiha s-servizzi, ma kienx bizzejjed sabiex jaghmilha proprjeta tal-Gvern.

16. Skont regolament 17 tal-istess ligi sussidjarja, triq bhal dik ghandha tinzamm mill-persuna li tkun fethitha, *"... fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li jissodisfa lill-Awtorita"*. Imbaghad regolament 18 kien jipprovdi li s-sidien ta' kull proprjeta li tmiss ma' triq privata, *"jitqiesu ghall-fini ta' din it-Taqsima, li huma l-persuni li fethu dik it-triq u li huma s-sidien taghha"*.

17. Dan ma kienx kaz li kellu x'jaqsam ma' manutenzjoni ta' triq, izda ma triq li ghallinqas zgur li f'parti minnha ma nbnietx skont is-sengha u l-arti. Fil-fatt l-appellant stess fir-rikors tal-appell qal:

> *"2) Illi l-kaz in ezami ma huwiex wiehed fejn l-Onorabbli Qorti kellha tiddetermina ir-responsabbilta ghall-manutenzjoni o meno tat-Triq Antonio Sammut, il-Gzira, izda **din l-Onorabbli Qorti hija mitluba tiddetermina d-danni sofferti mill-attur appellanti u dan minhabba li t-Triq Antonio Sammut l-Gzira ma gietx mibnija skont is-sengha u l-arti**".*

18. L-azzjoni tal-attur hi bazata fuq il-premessa li t-triq cediet minhabba l-istat hazin li tinsab fih, **tort tal-konvenuti**. Kif rajna dak li gara kien kagun ta' pedament dghajjef li sar fit-triq, u ghal liema ma jistax jinghad li kellhom tort ghaliex m'hemmx prova li t-triq inbniet minnhom. L-attur stess fir-rikors tal-

appell jaccetta li, ***"2) .... ma hemm l-ebda prova mill-atti tal-kawza li tindika dwar min bena t-triq meritu ta' dan l-appell"***. Il-prova kellha ssir mill-attur. Il-fatt li hemm triq li minnha jghaddi l-pubbliku u asfaltata, m'hijiex prova li nbniet minn xi hadd mill-konvenuti jew mill-Gvern. Fl-atti hemm bizzejjed provi li minnhom l-ewwel qorti setghet tikkonkludi li t-triq ma nbnietx mill-konvenuti (ara per ezempju dak li xehedu l-perit David Vassallo u Nicholas Baldacchino) u ghalhekk hadd minnhom ma kellu tort ghal dak li gara.

19. L-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) fiz-zmien meta sehh il-kaz, kien jipprovdi li d-dmirijiet ta' Kunsill Lokali kienu jinkludu z-zamma u l-manutenzjoni ta' toroq li ma jkunux proprjeta tal-privat u li ma jkunux toroq arterjali jew distributorji. Skont dik l-istess disposizzjoni, il-manutenzjoni tinkludi it-tiswija ta' rqajja' jew kisi mill-gdid tat-toroq, izda mhux ir-rikostruzzjoni. F'dan il-kaz ma saritx il-prova li t-triq hi proprjeta tal-Gvern. Inoltre, dan ma kienx kaz ta' manutenzjoni izda rikostruzzjoni ta' parti mit-triq, cjoe' dik il-parti fejn sfrondat il-bankina.

20. It-tielet aggravju jitratta dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti fejn saret riferenza ghall-artikolu 439 tal-Kodici Civili. Il-qorti qalet li l-attur nizel ghoxrin (20) filata sabiex wasal ghall-livell tal-blat u biex ghamel dan kellu jnehhi t-terrapien li kien hemm fil-proprjeta tieghu. Kompliet li b'hekk gie li *'naqas milli jzomm id-distanza regolamentari stabbilita fl-Artikolu 439 tal-Kodici Civili .....'*. Dik id-disposizzjoni m'hijiex tirreferi ghal thaffir li jsir fil-faccata biswit it-triq. Dan apparti li l-attur ma haffirx izda ghamel xoghol ta' tahmil. Xoghol li l-ewwel qorti stess ikkonfermat li kellu jsir sabiex isib il-wicc tal-blat u jibni d-dar. Ghalkemm din il-qorti hi tal-fehma li l-artikolu 439 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami, ma jinbidel xejn mill-konsiderazzjonijiet li saru fil-paragrafi precedenti ta' din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.